23 ta' Mejju, 1947.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President*.
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

**Erik Gollcher ne. *versus* Lieut. Denis Higgins ne. (*)**

**Kompetenza — Emergency Compensation Board — Att ta' Kummerċ — Bastimenti — Navigazzjoni — Art. 5 (f) (ii) tal-Kodiċi Kummerċjali u art. 37 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-Qorti kompetenti biex tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Emergency Compensation Board li tiffissa kumpens dovut bħala konsegwenza u dipendentement minn atti tal-kummerċ, hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re. U għalhekk dik il-Qorti hija kompetenti biex tawtorizza l-eżekuzzjoni ta' sentenza ta' l-imsemmi Board li tkun iffissat il-kumpens dovut in konsegwenza ta' operazzjonijiet dwar bastimenti u navigazzjoni u kwalunkwe operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam magħhom.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-Emergency Compensation Board, fuq it-talba numru 314 tan-National Steam Ferry Boat Company kontra d-Divisional Sea Transport Officer, deċiża fil-25 ta' April 1946, li kopja tagħha tinsab annessa ma' l-att taċ-ċitazzjoni, iffissa u stabbilixxa l-kumpens ta' £4. 10. 0 kull ġurnata għall-kiri tal-lanċa "Emily P.", ta' £4 kull ġurnata għal-lanċa "Admiral Mitchell", £3. 10. 0 kull ġurnata għal-lanċa "Fawna", u £3 kull ġurnata għall-kiri tal-lanċa "Daphne", li ġew rekwiżizzjonati biex jiġu konvertiti f'tug-boats; illi l-konvenut fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija għamel pagament ta' akkonti tas-somma li tista' tiġi fissata mill-Board, u sal-lum għad fadal dovuta lill-istess attur is-somma ta' £12,808. 1. 2. bilanċ ta' somma akbar; u illi l-istess attur nomine fit-28 ta' Mejju 1946 interpella lill-konvenut nomine biex iħallas l-ammont do-

(*) Ara sentenza susseg wenti f'din il-kawża—Appell Kummerċjali 31. 5. 48 (publikata).

vut in forza ta' l-imsemmija sentenza ta' l-Emergency Compensation Board, bl-imghax mill-25 ta' April 1946 sal-ġurnata tal-pagament, u dan bl-ittra uffiċjali tal-21 ta' Ġunju 1946. iżda l-konvenut nomine rrisponda illi ma jirrikonoxxix l-effikaċja u l-validità tad-deċiżjoni fuq imsemmija; talab illi jiġi awtorizzat jeżegwixxi s-sentenza fuq imsemmija ta' l-Emergency Compensation Board tal-25 ta' April 1946 għall-pagament fuq imsemmi ta' £12,808. 1. 2, bl-imgħax relativi middata ta' l-imsemmija sentenza u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-28 ta' Mejju 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re fit-22 ta' Marzu 1947, li biha ddikjarat ruħha inkompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża minħabba x-xorta ta' l-oġġett tal-kawża; bl-ispejjeż kontra l-attur nomine; wara li kkunsidrat;

Illi l-Qorti ġiebet 'il quddiem "ex officio" l-inkompetenza tal-Qorti minħabba x-xorta ta' l-oġġett tal-kawża, u fuq din il-kwistjoni, wara li semgħet ukoll l-avukati, irraġunat illi biex dina l-kawża tista' taqa' taħt il-ġurisdizzjoni ta' dina l-Qorti, hemm bżonn illi n-natura tagħha tkun kummerċjali, jew li jkollha x'taqsam mal-kummerċ (art. 37 (2) Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi setgħet kellha x'taqsam mal-kummerċ ta' l-attur nomine, u jista' jkun hemm dubju li kienet ta' natura kummerċjali l-kwistjoni li ffurmat l-oġġett tad-deċiżjoni fuq imsemmija ta' l-Emergency Compensation Board, billi huma ta' natura kummerċjali l-kwistjonijiet kollha dwar attijiet ta' kummerċ, u huwa att ta' kummerċ kull operazzjoni dwar bastimenti u navigazzjoni (art. 640 u 5 (f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ); liema dubju ma hemmx bżonn li jiġi riżolut f'din il-kawża; imma ma tistax tiġi ritenuta ta' natura kummerċjali, jew relativa għall-kummerċ, il-kawża preżenti fejn il-kwistjoni hija dwar l-eżekuzzjoni ta' sentenza, ossija deċiżjoni tal-Board fuq imsemmi, ritenuta nulla mill-konvenut nomine — kwistjoni li fiha ma tidħol ebda idea ta' kummerċ;

Rat ir-rikors quddiem dina l-Qorti, ta' l-attur nomine,

li talab li jiġi minn dina l-Qorti deċiż liema hija l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni ta' dina l-kawża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi bl-att taċ-ċitazzjoni l-attur nomine qiegħed jitlob li jiġi awtorizzat jeżegwixxi sentenza ta' l-Emergency Compensation Board, li kienet iffissat il-kumpens lilu dovut millkonvenut nomine għall-kiri tal-laneċ "Emily P.", "Admiral Mitchell", "Fawna" u "Daphne", li kienu ġew rekwiżizzjonati biex jiġu konvertiti f'tug-boats;

Illi huma atti jiet tal-kummerċ dawk li jirrigwardaw operazzjonijiet dwar bastimenti u navigazzjoni, u kull operazzjoni dipendenti jew li għandha x'taqsam magħhom (art. 5 (f) tal-Kodiċi Kummerċjali); u huma ta' kompetenza tal-Qorti tal-Kummerċ il-kawżi kollha li huma ta' natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ (art. 37 (2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili);

Illi l-kwistjoni definita mill-Emergency Compensation Board hija ta' natura kummerċjali, u jirrivestu dik in-natura l-atti sussegwenti u minnha dipendenti, bħal ma' huwa l-att miġjub 'il quddiem biċ-ċitazzjoni; u għalhekk hija kompetenti biex tieħu konjizzjoni tagħha l-Qorti tal-Kummerċ;

Għaldaqshekk;

Wara li tirrevoka s-sentenza mogħtija fit-22 ta' Marzu 1947, tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hija l-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, u tordna li l-atti jiġu mibgħutin lil dik il-Qorti għal dak l-iskop. L-ispejjeż taż-żewġ istanzi dwar l-inċident jibqgħu mingħajr taxxa, id-dritt tar-reġistru jitħallas bin-nofs bejn il-kontendenti.

---